MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1260/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Mary Magdalena Sultana (K.I. 584676M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' hames mija, tlieta u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€563.42) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (dokument 'A' ta' rendikont anness mat-talba) ghal servizzi u prodotti provduti lill-istess intimata.

Illi l-intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas il-pagament effettiv izda din baqghet inadempjenti u ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez, inkluz dak tal-mandat numru 2495/10 u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-21 ta' Frar, 2011 mill-Avukat Charlene Briffa Briffa u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------